A.L. 159 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - ippubblikati bħala Avviż Legali 152 ta' l-1999, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2003 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Għall-kors bir-riċerka, it-tul tad-dissertazzjoni għandu jkun stabbilit mill-Kap tad-Dipartiment rilevanti, iżda m'għandux jaqbeż il-50,000 kelma, barra min-noti fil-qiegħ tal-paġna, il-biblijografija u l-appendiċijiet. Għall-kors mgħallem u bir-riċerka, il-Bord għandu jistabbilixxi t-tul tad-dissertazzjoni."